

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Għajnuna Legali](#) > [Netherlands](#)

Għajnuna legali

 Olanda

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Il-proċedimenti legali xi spejjeż jinvolvu, u normalment min irid iħallashom?

Biex jiftaħ il-kawża quddiem il-qorti, ir-rikorrent irid iħallas it-tariffi tal-qorti u kwalunkwe tariffa għall-assistenza legali ta' avukat. Dawn huma l-ispejjeż legali. Normalment, jekk il-qorti tiddeċiedi favur ir-rikorrent, il-parti telliefa tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż legali tar-rikorrent. F'dan il-każ, il-parti telliefa tħallas l-ispejjeż li r-rikorrent ikun ġarrab biex jiftaħ il-kawża quddiem il-qorti.

2 X'inhija eżattament l-għajnuna legali?

L-għajnuna legali hija assistenza legali pprovduta lil litigant fir-rigward ta' interess legali li jolqot direttament lil litigant personalment, sakemm il-liġi jew id-dispożizzjonijiet assoċjati jipprevedu tali għajnuna legali. Fil-każ ta' għajnuna legali sussidjata, l-ispejjeż tal-avukat jitħallsu mill-Istat.

3 X'inhuma r-rekwiżiti biex tingħata l-għajnuna legali?

Tkunx eliġibbli għal għajnuna legali sussidjata jew le jiddependi fuq l-introjtu aggregat tiegħek u t-tip ta' interess li qed jiġi difiż. Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-sit web tal-Bord tal-Għajnuna Legali (Raad voor Rechtsbijstand). [Home - Rechtsbijstand](#).

4 L-għajnuna legali tingħata għal kull tip ta' proċediment?

Iva. Fin-Netherlands, l-għajnuna legali (sussidjata) tingħata fl-istadju konsultattiv, u għat-tipi kollha ta' proċedimenti. Madankollu, ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti. Il-medjazzjoni ssussidjata teżisti wkoll fin-Netherlands.

5 Jeżistu proċeduri speċjali f'każijiet ta' bżonn?

Fid-dritt ċivili, huwa possibbli li jitressqu proċeduri għal miżuri proviżorji. Fid-dritt amministrattiv, huwa possibbli li tintalab miżura proviżorja fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti, kemm jekk ikun l-ilment inizjali jew l-appell fl-ewwel jew fit-tieni istanza.

6 Minn fejn nista' nikseb formola ta' applikazzjoni għal għajnuna legali?

Fin-Netherlands, it-talba għal għajnuna legali ssussidjata tintbagħat lill-Bord tal-Għajnuna Legali minn avukat. Biex jagħmel hekk, l-avukat irid ikun irregiſtrat mal-Bord tal-Għajnuna Legali.

Inti minn Stat Membru ieħor tal-UE? Mela tista' tibgħat it-talba permezz tal-awtorità trażmittenti fl-Istat Membru tiegħek (normalment il-Ministeru għall-Ġustizzja u s-Sigurtà, qorti jew organizzazzjoni oħra nnominata apposta).

It-talba tingħadda lill-awtorità riċeventi fin-Netherlands, il-Bord tal-Għajnuna Legali.

7 X'dokumenti jridu jiġu ppreżentati mal-formola tal-applikazzjoni għal għajnuna legali?

L-intitolament għal għajnuna legali sussidjata jiġi vvalutat permezz ta' test finanzjarju u test ta' interess (ara l-punti 3 u 4). Għat-test finanzjarju, il-Bord tal-Għajnuna Legali jrid jingħata prova dokumentarja li turi x'kien id-dħul annwali tiegħek sentejn qabel it-talba. Jekk tista' turi li inti tikkwalifika għal għajnuna legali ssussidjata fl-Istat Membru tiegħek, dan ikun biżżejjed għall-Bord tal-Għajnuna Legali.

Għat-test tal-interessi, trid tippreżenta dokumenti ta' sostenn li juru l-interessi involuti fil-każ, bħal kemm hu l-ammont ta' flus inkwistjoni, jekk il-każ għandux x'jaqsam mal-interessi tal-kumpanija tiegħek, jew x'passi ħadt biex issolvi t-tilwima.

8 Fejn irrid nibgħat l-applikazzjoni tiegħi għal għajnuna legali?

Raad voor Rechtsbijstand (Il-Bord tal-Għajnuna Legali)

Postbus 70503

5201 CD Den Bosch

In-Netherlands

9 Kif nista' nsir naf jekk jiniex intitolat għal għajnuna legali?

Inti u, jekk applikabbli, l-avukat tiegħek se tirċievu deċiżjoni bil-miktub dwar ir-rikors tiegħek. Dan juri jekk ir-rikors tiegħek irnexxiex. Jekk id-deċiżjoni ma tkunx affavur tiegħek, tista' tappella.

10 X'għandi nagħmel jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

Jekk tikkwalifika għal għajnuna legali sussidjata, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ikollok tħallas kopagament lill-avukat; l-ammont huwa stabbilit mill-Bord tal-Għajnuna Legali.

11 Min jagħżilli l-avukat, jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

Fin-Netherlands, tista' tagħżel l-avukat tiegħek stess. Madankollu, l-avukat irid ikun irreġistrat mal-Bord tal-Għajnuna Legali. Biex issib avukat, ara hawn: [Sib avukat - Għajnuna Legali](#)

Jekk dan ma jkunx possibbli, il-Bord tal-Għajnuna Legali, bħala l-awtorità riċeventi, jista' jgħinek issib avukat.

12 L-għajnuna legali tkopri l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti?

Jekk tikkwalifika għal għajnuna legali sussidjata, xorta jkollok tħallas kopagament lill-avukat tiegħek. Ikollok tħallas ukoll it-tariffi tal-qorti jekk tmur il-qorti. It-tariffi jista' jkollhom jitħallsu wkoll jekk ikollok bżonn tuża s-servizzi ta' esperti esterni jew ta' uffiċjal ġudizzjarju. Fl-aħħar nett, jekk il-qorti tiddeċiedi kontrik, tista' tiġi ordnat tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti (inklużi l-ispejjeż tal-parti l-oħra).

13 Min għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra jekk jien inkun intitolat biss għal għajnuna legali limitata?

Iva. Tkun tista' titlob kontribuzzjoni fl-Istat Membru tiegħek.

14 L-għajnuna legali tkopri l-appelli wkoll?

Iva.

15 L-għajnuna legali tista' tiġi rtirata qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti (jew saħansitra tiġi revokata wara t-terminazzjoni tal-proċedimenti)?

Jekk, b'riżultat tal-każ, tirċievi (pretensjoni fuq) ammont li jkun akbar minn nofs l-ammont tal-livell limitu f'dak il-mument, il-Bord tal-Għajnuna Legali jista' jiddeċiedi li jirtira d-dritt tiegħek għal għajnuna legali ssussidjata. F'dan il-każ, inti titqies kapaċi tħallas għall-assistenza legali inti stess.

16 Nista' nikkontesta r-rifjut li ningħata għajnuna legali?

Tista' tappella quddiem il-Bord tal-Għajnuna Legali kontra deċiżjoni tal-Bord tal-Għajnuna Legali rigward l-eliġibbiltà tiegħek għall-għajnuna legali. Tista' tikkontesta deċiżjoni dwar tali appell quddiem il-qorti distrettwali (rechtbank), u tista' tappella fit-tieni istanza quddiem is-Sezzjoni tal-Liġi Amministrattiva (Afdeling bestuursrechtspraak) tal-Kunsill tal-Istat (Raad van State).

17 It-talba għal għajnuna legali għandha l-effett li tissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni?

Le.

L-aħħar aġġornament: 19/08/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.